MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 137/2011

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izewgu fit-3 ta' Settembru 2000 gewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Mosta, skond kopja tac-Certifikat taz-Zwieg hawn esebit, anness u mmarkat Dok. 'A';
2. Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bi vjolenza sew fizika sew morali sew biza u dana ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (a) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien eskluz minhabba zball fuq l-identita tal-parti l-ohra u dana ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1) (b) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dana ai termjini ta’ l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew dritt ghall-att taz-zwieg, u dana ai termini ta’ l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;
6. Illi z-zwieg celebrat nhar it-3 ta’ Settembru tas-sena 2000 ma giex ikkonsmat ghal diversi xhur u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19 A tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;
7. Illi stante ic-cirkostanzi imsemmija iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti huwa null u invalidu skond il-Ligi;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fir-Registru Pubbliku fit-3 ta’ Settembru 2000 huwa null u bla effett fil-Ligi ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1) (a), (b), (d), (f) u 19 A tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li in forza taghha eccepiet :

1. Illi preliminarjament l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta huma kontradittorji u ghaldaqstant ir-rikorrent ghandu jiddikjara mill-ewwel fuq liema minn dawn l-artikoli tal-ligi sejjer jibbaza t-talba tieghu;

2. Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet ma jista' qatt jigi ezaminat a tenur tal-artikolu 19A tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li z-zwieg gie ikkkunsmat u bhala fatt twieldu zewgt itfal minn dan iz-zwieg li ghandhom seba' (7) snin u hames (5) snin rispettivament;
3. Illi l-intimata qed topponi ghat-talba in kwantu qed jigi allegat tort addebitat fuqha u dan stante li l-kunsens taghha ma kienx ivvizzjat fuq ebda' mill-kawzali li hemm indikati fir-rikors guramentat promotur;
4. Illi fejn jirrigwarda vizzju tal-kunsens da parti tar-rikorrent l-intimata umilment tirrimetti ghad-decizjoni ta' dina il-Qorti;
5. Illi l-kunsens tal-partijiet ma nkisibx bi vjolenza sew fizika sew morali sew biza, imma il-partijiet zzewgu wara erba' snin gherusija li kienet normali;
6. Illi l-kawzali tal-artikolu 19(1)(b) u cioe' li l-kunsens kien eskluz minhabba zball fl-identita' tal-parti l-ohra hija infondata fil-fatt u fid-dritt;
7. Illi l-intimata qed topponi ghall-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta'dan il-procediment;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Mejju 2012 li permezz tieghu hatret lil Dr Charmaine Galea bhala perit legali f'din il-kawza;

Rat ir-relazzjoni ipprezentata u mahlufa mill-Perit Legali fis-6 ta' Mejju 2013;

Rat illi l-partijiet irrimettew ruhhom ghar-relazzjoni tal-perit legali;

Illi peress illi il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet peritali, qeghda taddotta ir-relazzjoni u taghmilha bhala taghha;

Il-Qorti, a skanz ta'ripetizzjoni, qeghda tirriproduci l-imsemmija relazzjoni;

**"Bil-qima tghid:-**

Illi permezz ta' digriet datat 30 ta' Mejju 2012 l-esponenti giet mahtura minn dina l-Onorabbli Qorti bhala Perit Legali biex tigbor il-provi f'din il-kawza.

Illi in adempjenza tal-inkarigu lilha moghti l-esponenti iffissat tlett seduti u hadet konjizzjoni ta' diversi affidavitsipprezentati mill-partijiet.

**PRELIMINARI**

Illi r-rikorrent ipproceda bil-kawza odjerna sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fir-Registru Pubbliku fit-3 ta' Settembru 2000 huwa null u bla effett fil-Ligi ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (a), (b), (d), (f) u 19A tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-intimata filwaqt li teccepixxi li artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 huma konradittorji ghal xulxin, tghid illi z-zwieg ma jista' qatt jigi ezaminat a tenur tal-artikolu 19A u li l-kunsens taghha ma kienx ivvizzjat fuq ebda mill-kawzali indikati mir-rikorrent. Pero hi tirrimetti ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti fir-rigward tal-vizzju tal-kunsens da parti tar-rikorrent.

Illi ghalhekk, ghalkemm m'hemmx opposizzjoni espressa da parti tal-intimata li z-zwieg tal-partijiet jigi dikjarat null ghal xi raguni imputabbli lir-rikorrent, xorta jehtieg li jigi ezaminat jekk it-talba tar-rikorrentii hijiex legalment fondata, u dan ghaliex l-istitut taz-zwieg huwa l-bazi li fuqu hija mibnija s-socjeta` nostrali, u dan apparti li l-esponenti trid tezamina anke l-premessi legali u l-fattispecie tal-kaz sabiex tesprimi l-fehma taghha fuq l-istess, u dan anke fl-isfond tal-presunzjoni legali favur il-validita' taz-zwieg, anke ghaliex l-istitut taz-zwieg ghandhu jigi protett ghaliex huwa istituzzjoni ta' ordni pubblika.

*Il-verzjoni tar-rikorrent*

Illi r-rikorrent xehed permezz ta' affidavit li jinsab a fol. 17 et sequitur tal-process. Huwa gie wkoll kontro-ezaminat mid-difensur tal-intimata.

Huwa jghid li hu u l-intimata iltaqghu meta kellhom madwar 24 sena u 21 sena rispettivament. Huma damu gharajjes tlett snin u li sitt xhur minnhom huwa kien Ruma ghal raguni ta' studju. Huwa jistqarr li l-gherusija kienet pjuttost turbolenti.

Huwa jghid li kemm ic-celebrazzjoni tal-gherusija u kemm iz-zwieg gie propost u deciz mill-intimata li skond hu riedet tahrab minn xi haga. Jispjega li wara z-zwieg l-intimata kienet stqarret mieghu li kien hemm hafna episodji ta' tensjoni fil-familja taghha u li kellha wkoll tirrikorri ghal psikjatri u tobba ohra. Jghid li waqt iz-zwieg kienet giet moghtija xi medicina, fost ohrajn minn Dr. John Mifsud u Dr. Anton Grech.

Huwa jistaqsi jekk kienx hemm allura xi raguni ulterjuri biex l-intimata titlaq mir-residenza tal-genituri taghha u ghalhekk uzatu biex tahrab minn dak li kien qieghed idejjaqha.

Huwa jkompli jghid li fl-gherusija sahansitra l-intimata gieli refghet idejha fuqu ghax ma riditx taccetta li seta' jispicca kollox bejniethom.

Jistqarr li l-emozzjonijiet tieghu ma kienx jaf ezattament x'inhuma u anke wara z-zwieg kien hemm glied sahansitra fil-qamar il-ghasel u fil-fatt iz-zwieg ma giex ikkunsmat ghal xhur u dan ghaliex ma kienx trankwill u hass biza fuqu. Dan il-fatt wassal biex ikun hemm tensjoni bejn il-kontendenti.

Huwa jispjega li huwa qatt ma kellu x'jaqsam intimament ma' hadd qabel u anke wara z-zwieg huwa ma rnexxilux jaghmel l-att taz-zwieg b'kunfidenza u paci fil-qalb. Jispjega li dan seta' kien dovut ghall-background religjuz tieghu. Naturalment dan il-fatt iffrustra lill-intimata.

Jghid li meta gew it-tfal huwa hass *commitment* ghat-trobbija taghhom. Pero d-dizgwid bejniethom baqa u ghalkemm ippruvaw isibu ghajnuna xorta z-zwieg baqa' ma giex salvat. Huwa jatribwixxi lill-intimata personalita doppja ghax filli jidher li kollox sew u trankwill u filli qisu jinfethu fuqu bibien is-sema u jinzel gelgul ta' inkwiet u glied.

Jirrakonta wkoll dwar episodji fejn hu kellu suspett li kien ghaddej xi haga bejn l-intimata u kollega taghha fil-kors. Jghid li ghalkemm hu kien jaf li l-intimata xtaqet li jkollha tfal hu kien qed jibza minn konsegwenzi aktar koroh. Madankollu fl-2004 twieldet l-ewwel tarbija li kompliet gabet aktar tensjoni tant li l-intimata spiccat b'post natal depression. Eventwalment biddlu wkoll ir-residenza taghhom u fl-2006 twieled it-tieni wild u l-problemi zdiedu. Jghid li kien hemm episodji waqt it-tqala fejn kienet iccempillu u tghidlu li se taqbez bit-tarbija f'gufha u hu kien imur jigri lejn id-dar.

Eventwalment is-sitwazzjoni familjari marret ghall-aghar sakemm fl-2007 l-intimata keccietu mid-dar. Ghalkemm attendew counselling session ma' Fr. Rene Camilleri dan ma sewa ghal xejn. Jghid ukoll illi l-psikologu li kienet qed tara l-intimata kien ghamel iktar deni milli gid peress li kien iggudikah li kien *gay* u vjolenti minghajr qatt ma kellmu.

In kontro-ezami r-rikorrent jghid li fuq il-kwistjoni tat-tfal hu ma kienx konvint u kien qed jibza li t-tfal se jgibu aktar stress, kif fil-fatt gara.

Jghid li l-iskop ta' hajtu minn meta kien fl-adoloxxenza kien li jidhol is-seminarju ghal sacerdot. Jghid li l-istudji tieghu relatati mar-religjon qishom tefugh lura fiz-zmien ghax ried isib it-tifsira ta'hajtu li kien tilef qabel u li issa kien sab.

Jistqarr illi f'din is-sitwazzjoni kollha it-tnejn li huma sfaw vittmi. Jghid li hass certu pressjoni biex jizzewweg meta r-relazzjoni qatt ma kienet soda u stabbilita u li dahal ghaz-zwieg minghajr ma kien jaf x'qed jaghmel. Jghid li l-preparamenti ghaz-zwieg saru mill-intimata u kienu

*committed* mal-genituri sabiex isehh dan iz-zwieg u li kieku kellu jregga' l-arlogg lura ma kienx jaghmilha. Huwa jghid li kien ihoss pressjoni kbira li ma riedx jiddeludi lill-genituri u li kien lest li jissaporti l-ugigh basta ma jweggghax lil haddiehor. Jghid li kellu biza' li ma setghax iwaqqaf il-kors tal-affarijiet u li kellu konflitt mieghu innifsu fis-sens li l-intimata kienet hemm pero hu ma kienx qieghed hemm.

*Il-verzjoni tal-intimata*

Illi l-intimata wkoll xehdet permezz ta' affidavit li jinsab esebit a fol. 34 et sequitur tal-process u giet ukoll kontro-ezaminata mid-difensur tar-rikorrent.

Hija tghid li wara xi zmien li ltaqghet mar-rikorrent saret taf li hu kien kumbattut bejn vokazzjoni u li jkompli bir-relazzjoni ai fini li jasal ghal hajja mizzewga. Madankollu kien jidher li meta iltaqghet mieghu huwa kien gia skarta l-ghazla tal-vokazzjoni.

Tghid li c-crieki tal-konoxxenzi tar-rikorrenti kellhom kollha x'jaqsmu mal-knisja u ma' nies religjuzi. Tghid li hu ma tantx kien ihobb jissocjalizza ma' hbiebha u li pero hi qghadet ghal din is-sitwazzjoni peress li din kienet l-ewwel relazzjoni serja li kellha.

Tghid li fl-intimita r-rikorrent kien jidher misthi jew reticenti u li dan kien jattribwih ghall-fatt li kellu girlfried precedenti li ma kinitx effusive u li kienet affetwatu. Madankollu bil-mod il-mod kien ikun hemm effuzjonijiet tista' tghid normali bejniethom, pero mhux relazzjoni sesswali kompleta.

Meta kien Ruma, l-intimata cemplitlu u staqsietu jekk riedx li jitgharrsu fil-Milied u huwa accetta u eventwalment xtraw post gewwa Tas-Sliema. Wara ftit xhur ir-rikorrent kien staqsiha biex jaghmlu d-data taz-zwieg peress li d-decizjoni li jizzewwgu diga kienu qablu fuqha. Madankollu hi talbitu ftit taz-zmien pero hu beda jpoggi pressjoni kbira fuqha biex tghid lil missierha.

Hija tirrakonta diversi episodji fejn qieset l-imgieba tar-rikorrent bhala mhux `normali` fosthom meta qalilha li ommu kienet tiddominah u li ddejqu hafna ghax tghajjat u dan meta hi ma kinitx hadet dik l-impressjoni fuqha. Okkazzjoni ohra kienet meta r-rikorrent ordna li jsiru xi tibdiliet strutturali fid-dar li kienu xtraw minghajr konsultazzjoni maghha.

Xi zmien wara li zzewwgu, l-intimata tghid li r-rikorrent qalilha li ma kienx qed ihossu adegwat bhala partner u qalilha li meta kien *teenager* kien ipprova jaghmel suwicidju billi gham ‘il barra sakemm hadd ma seta’ jilhqu. Pero b’xorti tajba kien hemm *lifeguard* li salvah. Wara din ir-rivelazzjoni, l-intimata bdiet tara stampa ta’ bniedem ittorturat minn konflitti interni li lanqas hu stess ma seta’ jifhem in-natura ezatta taghhom.

L-intimata tirrelata wkoll dwar diversi problemi li kien jiffaccja r-rikorrent fid-diversi xogholijiet li kellu pero tispjega li ma ried l-ebda tip ta’ ghajnuna.

Fir-rigward tat-trobbija tat-tfal tghid li r-rikorrent kien jghir ghall-*bonding* li kellha mat-tifla u kien jistaqsiha xi thoss u meta twieled it-tifel insista maghha li ma taghmilx *breastfeeding* sabiex ikollu cans jaghtih il-*bottle* hu biex jibbondja mieghu. Tirrakonta wkoll dwar dizgwid li kien inqala’ meta twieldet it-tifla u dan ghaliex ir-rikorrent kien qal li ma kinitx tieghu u dan nonostante li t-tifla tixbhu hafna. Fil-fatt l-intimata kienet anke offrietlu li jaghmel id-*DNA test* pero rrifjuta li jaghmel dan.

L-intimata tirrakonta wkoll kif ir-relazzjoni taghhom kompliet tiddghajef anke ghaliex eventwalment ir-rikorrent anke refa’ jdejh fuqha. Ghalkemm kellha parir minn Fr. Rene Camilleri biex titilqu hija ppruvat issalva z-zwieg fl-interess tat-tfal. Madankollu r-rikorrent beda jkun anke aggrressiv mat-tfal u ghalhekk wara l-ahhar incident fejn refa’ jdejh fuqha hi ddecidiet li tmur tghix ghand il-genituri taghha mat-tfal.

L-intimata tghid ukoll kif ir-rikorrent kien interessat fil-gid li kellha l-familja taghha u meta ma kienx jiehu dak li jrid

kien jinbidel f'persuna ohra. Hi tiddeskrivi lir-rikorrenti bhala persuna li kellu valuri mghawwga mhux biss fir-rigward taghha imma anke fir-rigward ta' ommu u missieru. Fir-rigward ta' flus ghall-hajja, l-intimata tghid li r-rikorrent qatt ma ta sold f'idejha.

L-intimata hi tal-opinjoni li l-problema fundamentali fil-personalita` tar-rikorrent hi li hu ma jaghtix ruhu fl-ebda qasam tal-hajja, la personali u lanqas lavorattiva. Tiddeskrivih bhala persuna li jigri wara xi haga li jixtieq jakkwista sakemm jakkwistaha u ftit wara jitlef totalment l-interess. Tghid ukoll illi l-kundizzjonijiet psikjatrici afflitti minnhom skond hi jirrenduh persuna ferm ikkumplikata li tirrifjuta l-ghajnuna u l-kura u li ma tikkoperax ma min jipprova jghinha.

Fl-ahhar l-intimata tghid li l-intenzjoni principali tar-rikorrent kienet li jidhol f'dan iz-zwieg biex ikun jista' itejjeb il-posizzjoni finanzjarja tieghu.

In kontro-ezami, l-intimata ikkonfermat u elaborat fuq dak mistqarr minnha fl-affidavit. Qalet ukoll illi meta twieldu t-tfal hi u r-rikorrent kienu jikkoperaw hafna fit-trobbija taghhom.

Fir-rigward tal-kolass taz-zwieg tghid li din kienet haga gradwali u dan minhabba konflitti interni min-naha tar-rikorrent li kienu relatati ma' krizi ta' xi rwol ried jiehu fil-hajja. Hija tispjega li kienet anke fittxet l-ghajnuna ta' zewg psikjatri biex tifhem ezattament l-agir vjolenti ta' zewgha.

<u>*Xhieda prodotti mill-partijiet*</u>

Illi r-rikorrenti ipproduca affidavits ta' konoxxenti tieghu u cioe Fr. Rene Camilleri, Peter Paul Abela u Fr. Charles Vella. Fr. Rene Camilleri stqarr li l-intimata kienet stqarret mieghu li lil zewgha kienet tarah bhala bniedem marbut wisq mal-Knisja u l-ambjenti taghha. Peter Paul Abela, li kien kollega tax-xoghol tar-rikorrent fil-passat, stqarr li kien ihoss lir-rikorrenti kellu hafna incertezzi fir-rigward tal-imgieba u l-atteggjamenti tieghu ma' martu. Fr. Charles

Vella jistqarr li r-rikorrenti huwa bniedem gentili hafna, mimli ideat u persuna li trid taghmel hafna affarijiet u dejjem taspira ‘l quddiem, pero ghal xi raguni jew ohra dejjem hemm dik il-haga li zzommu milli jgib a terminu l-aspirazzjonijiet tieghu. Jispjega li fl-opinjoni tieghu hemm inkompatibilita kbira ta’ karattru u gibda fizika li wasslet ghall-problemi ta’ bejn il-partijiet.

L-intimata da parti taghha ipproduciet affidavits ta’ ommha Mary Buhagiar, ohtha Carmelina Schembri, ohtha Paula Pace u l-habiba taghha Olga Finkel, liema persuni kkorroboraw dak mistqarr mill-intimata dwar il-karattru tar-rikorrenti u dwar id-diversi problemi li l-intimata kellha matul iz-zwieg.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI

Illi ghalkemm fir-rikors guramentat ir-rikorrent talab lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1) (a), (b), (d), (f) u 19A tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, sussegwentement iddikjara li qieghed jillimita l-kawzali fuq Artikolu 19 (1) (d) u (f).

Illi l-ewwel ma trid tigi sorvolata hija l-ewwel eccezzjoni tal-intimata ghaliex proprju tikkoncerna z-zewg artikoli appena citati. Illi l-intimata teccepixxi illi artikolu 19 (1) (d) u artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta huma kontradittorji u ghaldaqstant ir-rikorrent ghandu jiddikjara fuq liema minn dawn l-artikoli sejjer jibbaza t-talba tieghu.

Illi l-esponenti hi tal-fehma illi l-vizzju tal-kunsens kontemplat taht is-sub-inciz (d) mhuwiex dejjem u f'kull kaz inkompatibbli mal-vizzju tal-kunsens ikkontemplat taht is-sub-inciz (f) u li jistghu jezistu zwigijiet li jkunu annullabbli taht dawn iz-zewg sub-incizi. Wiehed irid jezamina l-provi prodotti u wara jkun jista’ jasal ghall-konkluzzjoni jekk dan hux il-kaz. Illi min-Nota esebita mir-rikorrenti fit-13 ta April 2013 jirrizulta illi kien hemm diversi okkazjonijiet fejn il-Qrati Taghna ezaminaw dawn iz-zewg sub-incizi simultanjament fejn intalbet dikjarazzjoni ta’

nullita` ta’ zwieg. Ghaldaqstant l-esponenti sejra tghaddi biex tezamina kull wiehed mill-kawzali invokati mir-rikorrenti fid-dawl tal-provi prodotti.

Illi artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 jghid illi zwieg ikun null “*jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b’anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ”*

Biex l-azzjoni odjerna tirnexxi abbazi tal-imsemmi artikolu irid jigi ppruvat li:

1. Il-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mezzewga; u/jew

2. Il-kunsens taghhom jew min minnhom kien vizzjat b’anomalija psikologia serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Jinghad mill-ewwel illi ma ngabu l-ebda provi li l-partijiet jew min minnhom fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg kienu jbatu minn anomalija psikologika serja u ghalhekk din it-tieni parti tas-subinciz in dizamina ma gietx ippruvata. Irid jinghad illi anomalija psikologika serja trid tigi ppruvata b’perizja medika. Fil-kawza **“Maria Victoria Spiteri vs. Anthony Spiteri”** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta’ Dicembru 1994, il-Qorti rinfaccjata b’allegazzjoni ta’ anomalija psikologika serja irriteniet illi fin-nuqqas ta’ perizja medika dwar l-istat psikologiku u mentali tal-partijet, ma setghetx takkolji t-talba tal-attrici.

Illi fil-kaz odjern, ir-rikorrenti ma talabx li ssir tali perizja u ghalhekk l-esponenti hija tal-fehma illi din it-tieni parti tal-kawzali ma gietx ippruvata.

Fir-rigward tal-ewwel parti ta’ artikolu 19 (1) (d) tal-Kap.255 biex tirnexxi l-azzjoni attrici jehtieg qabel xejn ir-rikorrenti jipprova li:

i) Il-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat
ii) B'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju
iii) Fuq il-hajja mizzewga, jew
iv) Fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga.

Diskrezzjoni ta' gudizzju hija spiss riferuta fil-gurisprudenza bhala *"disretio judicii".* Fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr. Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' **Viladrich**:

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(Viladrich, P.J., "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** (Montreal, 1993), p. 686).

Fis-sentenza **" Atkins Charles vs. Atkins Matilde"** moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003 jinghad hekk:-

*"Il-kuncett ta' discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mil-ligi."*

Fis-sentenza “**Melanie Borg Cachia vs. A Borg**” deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Mejju 2004 gie spjegat li d-difett fid-diskrezzjoni ta’ gudizzju irid ikun wiehed serju fil-fakolta’ kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x’inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga.

Fis-sentenza “**Janet Portelli vs. Victor Portelli**” deciza mill- Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta’ Awissu 1995 gie spjegat illi:-

*“It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified:*

*(1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking;*
*(2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial;*
*(3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within”.*

Issir ukoll referenza ghall-kawza deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **“Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia” deciza fl-10 ta’ Settembru 1997** fejn intqal:-

“Kwantu ghad-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm dan in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita’ psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Mhix ghalhekk kwistjoni ta’ inkompatibilita’ ta’ karattru, jew ta’ decizjoni jew decizjonijiet zbaljati.

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju, 1995). Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii"* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista **Colagiovanni** meta sostna li:-
*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju id-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* **(Pompedda, M.F., "Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski" – Pompedda – Zaglia, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi mill-Qrati taghna, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tas-subinciz **(d)** kemm-il darba

jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju"* (ara, **"Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* **("Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996)".

Illi mill-kwadru li emerga mid-deposizzjonijiet kemm tal-partijiet infushom u kemm tax-xhieda prodotti minnhom, l-esponenti hija tal-fehma illi l-kunsens tar-rikorrent meta kkontratta z-zwieg mal-intimata kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga. Jirrizulta bl-aktar mod car li r-rikorrent ma kellux dik id-*discretio judicii* sabiex verament jaghti l-kunsens tieghu fis-sens li jifhem verament ghal x'hiex kien diehel u ghal-liema forma ta' responsabbilita' kien qed jidhol ghaliha. Huwa kien afflitt minn kunflitti interni, fil-maggor parti taghhom religjuzi jew konnessi ma' materji religjuzi, li zgur ma setghux ihalluh serenement jirrifletti fuq il-pass importanti li kien se jaghmel. Fi kliemu stess huwa bhal qisu ma setghax iregga' l-arlogg lura u jhassar il-preparamenti li kien hemm ghaz-zwieg u dan minkejja li kien ihossu li "qed naghmel xi haga li ma kontx hemm fiha".[1] Dan maghdud ukoll mal-fatt illi meta saret il-proposta taz-zwieg, skond ir-rikorrent mill-intimata, huwa ma kienx qieghed jara car fil-vizjoni taghha kif ha jkun f'din

[1] Kontro-ezami tar-rikorrent fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2013.

il-haga.  Illi dan kollu irrifletta ruhu fi tbatija kbira ghaz-zewg partijiet waqt il-hajja mizzewga stante li t-tnejn li huma sabuha difficli biex jirrelataw fuq l-istess binarji sabiex isahhu l-hajja komunali taghhom.

Illi fir-rigward ta’ nuqqasijiet da parti tal-intimata, ghalkemm ir-rikorrenti allega diversi fatti dawn ma jirrizultawx sodisfacentement ppruvati u kwindi l-esponenti hija tal-opinjoni li l-kunsens tal-intimata ma kienx vizzjat ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.

Illi jonqos ghalhekk li jigi issa ezaminat jekk iz-zwieg jistghax jigi wkoll konsidrat null ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) u cioe jekk il-kunsens tal-partijiet inkisibx bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew dritt ghall-att taz-zwieg.

Jigi rilevat illi fis-sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:- *“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”.*

Sabiex it-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg abbazi ta' dan l-Artikolu tintlaqa’, l-partijiet iridu necessarjament jippruvaw li huma eskludew wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg.

Illi dwar l-elementi essenzjali taz-zwieg li bazikament jirriducu ruhhom fid-drittijiet u l-obbligi taz-zwieg, l-esponenti diga eleborat iktar ‘il fuq.  Inerenti  f’dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *“the community of life and love”.*  Illi minn evalwazzjoni tal-provi prodotti jirrizulta illi din il-*community of life and love* kienet nieqsa fir-relazzjoni tal-partijiet. Jirrizulta illi r-rikorrent qatt “ma sab saqajh” f’dan iz-zwieg

u dan proprju ghaliex kien dahal ghalih xejn konvint minn dak li kien qieghed jaghmel. Pero dan ma jfissirx, u lanqas ma jirrizulta, illi huwa *a priori* kien eskluda xi dmirjiet li z-zwieg igib mieghu. Lanqas ma jista' jinghad illi kien hemm xi eskluzjoni pozittiva da parti tar-rikorrent ghall-att taz-zwieg ghalkemm ghal certu perjodu wara z-zwieg kien hemm certu diffikulta biex tinsab dik is-sinergija li wiehed jistenna minn koppja friska. Kwindi, fil-fehma tal-esponenti, il-kunsens ta' l-ebda parti ma nkiseb bl-eskluzjoni pozittivament la taz-zwieg innifsu u lanqas ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew id-dritt ghall-att taz-zwieg.

**<u>Konkluzjoni</u>**

Illi ghaldaqstant hija l-fehma umli tal-esponenti illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-3 ta' Settembru 2000 huwa null u bla effett ai termini ta' l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent."

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u minghajr effett ai termini tal-artikolu 19(1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta; Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------